**Parlament Ewropew**
2019-2024

**TESTI ADOTTATI**

# P9_TA(2021)0255

## Kontrosanzjonijiet Ċiniżi fuq entitajiet tal-UE, Membri tal-PE u Deputati nazzjonali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-kontrosanzjonijiet Ċiniżi fuq entitajiet tal-UE, Membri tal-PE u Deputati nazzjonali (2021/2644(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u r-rapporti preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fiċ-Ċina u r-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina, b'mod partikolari dawk tal-21 ta' Jannar 2021 dwar ir-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika f'Hong Kong[1] u tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar ix-xogħol furzat u s-sitwazzjoni tal-Ujguri fir-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang[2] (XUAR),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Hong Kong, b'mod partikolari dik tat-13 ta' Diċembru 2017 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar Hong Kong, 20 sena wara li għadda f'idejn iċ-Ċina[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2021 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni – rapport annwali 2020[4],

– wara li kkunsidra l-għoti tal-Premju Sakharov 2019 lil Ilham Tohti, ekonomista Ujgur li qed jiġġieled għad-drittijiet tal-minoranza Ujgura fiċ-Ċina,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Membri ewlenin tal-Parlament Ewropew, tat-23 ta' Marzu 2021, wara d-deċiżjoni tal-awtoritajiet Ċiniżi li jissanzjonaw is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem u entitajiet u uffiċjali Ewropej oħra,

– wara li kkunsidra d-diskorsi tal-President tiegħu, David Maria Sassoli, il-President tas-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, Maria Arena, u l-President tad-Delegazzjoni tiegħu għar-relazzjonijiet mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, Reinhard Bütikofer, fil-ftuħ tas-seduta plenarja tiegħu tal-24 ta' Marzu 2021,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Diretturi tal-Istitut tar-Riċerka Ewropew tal-

1 Testi adottati, P9_TA(2021)0027.
2 Testi adottati, P9_TA(2020)0375.
3 ĠU C 369, 11.10.2018, p. 156.
4 Testi adottati, P9_TA(2021)0012.

25 ta' Marzu 2021,

– wara li kkunsidra d-diskors tal-VP/RGħ Josep Borrell fid-dibattitu tiegħu tat-28 ta' April 2021 dwar il-kontrosanzjonijiet Ċiniżi fuq entitajiet tal-UE, Membri tal-PE u Deputati nazzjonali u d-dibattitu li rriżulta,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tad-29 ta' Marzu 2021 dwar is-sanzjonijiet Ċiniżi kontra Membri tal-Parlament mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti Belġjana, il-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti Netherlandiża u l-Ispeaker tas-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja,

– wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/478 tat-22 ta' Marzu 2021 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem[1] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/481 tat-22 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem[2],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-G7 tat-12 ta' Marzu 2021 dwar il-bidliet elettorali f'Hong Kong u l-komunikat tal-5 ta' Mejju 2021 tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin u tal-Iżvilupp tal-G7,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tal-VP/RGħ tas-17 ta' April 2021 dwar is-sentenzjar ta' attivisti favur id-demokrazija f'Hong Kong,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tal-VP/RGħ tad-29 ta' Diċembru 2020 dwar is-sentenzjar ta' ġurnalisti, avukati u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra t-tħabbira mill-Kelliem tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tat-22 ta' Marzu 2021 dwar sanzjonijiet fuq entitajiet u persunal rilevanti tal-UE,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-President Michel u l-President von der Leyen dwar id-difiża tal-interessi u l-valuri tal-UE fi sħubija kumplessa u vitali wara t-22 Summit UE-Ċina, li sar fit-22 ta' Ġunju 2020,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-21 Summit UE-Ċina tad-9 ta' April 2019,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tal-VP/RGħ tat-12 ta' Marzu 2019 bit-titolu "UE-Ċina – Perspettiva strateġika" (JOIN(2019)0005),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jiggarantixxi d-dritt taċ-ċittadini kollha għal-libertà reliġjuża, u l-Artikolu 4 tagħha, li jiddefendi d-drittijiet tal-minoranzi etniċi,

– wara li kkunsidra l-appell tal-esperti tan-NU tas-26 ta' Ġunju 2020 għal miżuri deċiżivi favur il-protezzjoni tal-libertajiet fundamentali fiċ-Ċina,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-

[1] ĠU L 99 I, 22.3.2021, p. 1.
[2] ĠU L 99 I, 22.3.2021, p. 25.

16 ta' Diċembru 1966, li qatt ma ġie ratifikat miċ-Ċina minkejja li ffirmatu fl-1998,

– wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju,

– wara li kkunsidra l-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tal-1930 dwar ix-Xogħol Furzat, li ma ġiex iffirmat miċ-Ċina,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt għandhom jibqgħu fil-qofol tar-relazzjoni twila ta' bejn l-UE u ċ-Ċina, bi qbil mal-impenn tal-UE li tiddefendi dawn il-valuri fl-azzjoni esterna tagħha u l-interess li wriet iċ-Ċina li tirrispettahom fl-iżvilupp u fil-kooperazzjoni internazzjonali tagħha;

B. billi fis-7 ta' Diċembru 2020 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/1998 li jistabbilixxi r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, li jippermetti lill-UE timponi miżuri restrittivi fuq individwi, entitajiet u korpi fil-mira – inklużi stati u atturi mhux statali – li jkunu responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u abbużi madwar id-dinja, jew ikunu involuti fihom jew assoċjati magħhom; billi huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-UE għandha responsabbiltà li tagħmel użu minn dan ir-regolament f'każ ta' ksur massiv tad-drittijiet tal-bniedem;

C. billi fit-22 ta' Marzu 2021 il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin tal-UE adotta miżuri restrittivi fl-ambitu tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem fuq Zhu Hailun, eks Viċi Kap tat-13-il Kungress tal-Poplu tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (XUAR), Wang Junzheng, Segretarju tal-Partit tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang (XPCC) u Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tal-XUAR taċ-Ċina, Wang Mingshan, Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kumitat tal-Partit tal-XUAR u Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi u Legali tal-XUAR, u Chen Mingguo, Direttur tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Pubblika ta' Xinjiang (XPSB) u Viċi President tal-Gvern tal-Poplu tal-XUAR, u fuq il-Bureau tas-Sigurtà Pubblika tal-XPCC, li jmexxi ċ-ċentri ta' detenzjoni f'Xinjiang; billi dawn l-erba' individwi u din l-entità huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-detenzjoni arbitrarja fuq skala kbira u t-trattament degradanti ta' Ujguri u ta' persuni minn minoranzi etniċi Musulmani oħra fl-XUAR;

D. billi, ftit mumenti biss wara l-approvazzjoni tal-lista tal-UE, il-Kelliem tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ħabbar l-adozzjoni ta' sanzjonijiet fil-konfront ta' ħames Membri tal-Parlament Ewropew, Reinhard Bütikofer, Michael Gahler, Raphaël Glucksmann, Ilhan Kyuchyuk u Miriam Lexmann, is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament Ewropew, tliet Deputati nazzjonali ta' Stati Membri tal-UE (Sjoerd Wiemer Sjoerdsma, Samuel Cogolati u Dovile Sakaliene), il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill tal-UE, inklużi l-Ambaxxaturi tas-27 Stat Membru tal-UE, żewġ akkademiċi (Adrian Zenz u Björn Jerdén) u żewġ gruppi ta' riflessjoni (l-Istitut Mercator għall-Istudji dwar iċ-Ċina

(MERICS) fil-Ġermanja u l-Fondazzjoni Alleanza ta' Demokraziji fid-Danimarka) talli "għamlu ħsara kbira lis-sovranità u l-interessi taċ-Ċina u xerrdu gideb u diżinformazzjoni b'mod malizzjuż";

E. billi skont l-istqarrija għall-istampa tal-Kelliem, l-individwi kkonċernati u l-familji tagħhom huma pprojbiti milli jidħlu fiċ-Ċina kontinentali, f'Hong Kong u fil-Macao, u billi dawn, u kwalunkwe kumpanija jew istituzzjoni assoċjata magħhom, huma pprojbiti wkoll milli jagħmlu negozju maċ-Ċina;

F. billi, ftit jiem wara, iċ-Ċina adottat sanzjonijiet kontra Deputati nazzjonali, entitajiet u gruppi ta' riflessjoni fir-Renju Unit, fil-Kanada u fl-Istati Uniti, li kienu wkoll introduċew miżuri kontra l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem f'Xinjiang;

G. billi l-miżuri Ċiniżi jikkostitwixxu attakk kontra l-Unjoni Ewropea u l-Parlament tagħha kollu kemm hu, bħala l-qalba tad-demokrazija u l-valuri Ewropej, kif ukoll attakk kontra l-libertà tar-riċerka;

H. billi, filwaqt li s-sanzjonijiet tal-UE huma mmirati lejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u huma msejsa fuq miżuri leġittimi u proporzjonati inkorporati fid-dritt internazzjonali, is-sanzjonijiet taċ-Ċina m'għandhom ebda ġustifikazzjoni legali, huma totalment mhux sostanzjati u arbitrarji u huma mmirati kontra l-kritika ta' tali ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi s-sanzjonijiet huma tentattiv ċar biex jiskoraġġixxu lill-UE milli tkompli bil-ħidma u bl-azzjoni tagħha kontra l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina;

I. billi ċ-Ċina għandha rekord ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jikkontradixxi l-impenji bilaterali u multilaterali tal-pajjiż f'dawn l-oqsma, u billi rapporti awtorevoli ddikjaraw li din hi l-agħar sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina mill-massakru tal-Pjazza Tiananmen; billi ċ-Ċina ppreżentat regolarment riżoluzzjonijiet lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU bil-għan li l-prinċipji tas-"sovranità, in-nuqqas ta' indħil u r-rispett reċiproku" isiru prinċipji fundamentali mhux negozjabbli, u b'hekk il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-individwi jsiru ħsieb sekondarju;

J. billi f'Diċembru 2020 l-UE u ċ-Ċina qablu fil-prinċipju fuq il-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment bejn l-UE u ċ-Ċina (CAI); billi l-ħila tal-Parlament Ewropew li janalizza kif jixraq il-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment hija mxekkla b'mod sinifikanti mis-sanzjonijiet Ċiniżi, li bħala minimu jipprevenju lis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem milli jaħdmu ma' esperti Ċiniżi; billi mhuwiex aċċettabbli li r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment jiġu ttrattati barra mill-kuntest ġenerali tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u r-relazzjonijiet politiċi usa';

K. billi l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet miċ-Ċina huwa l-aħħar episodju ta' ċaqliq gradwali tat-tmexxija tal-Partit Komunista Ċiniż lejn approċċ ta' konfrontazzjoni, inkluż permezz ta' diżinformazzjoni u attakki ċibernetiċi mmirati kontra l-UE, filwaqt li qed tkompli tiżdied it-tensjoni fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina minħabba l-azzjonijiet kontra l-poplu Ujgur u minoranzi etniċi oħra, ir-repressjoni tad-demokrazija f'Hong Kong u l-approċċ ta' konfrontazzjoni fl-Istrett tat-Tajwan; billi l-Istrateġija UE-Ċina wriet il-limitazzjonijiet tagħha, u għaldaqstant ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina ma jistgħux ikomplu għaddejjin bħas-soltu;

L. billi s-sanzjonijiet Ċiniżi kontra l-Membri tal-Parlament Ewropew ġew segwiti mid-deċiżjoni tal-awtoritajiet Russi tat-30 ta' April 2021 li jimponu sanzjonijiet kontra tmien

ċittadini tal-UE, inkluż il-President tal-Parlament Ewropew David Sassoli u l-Viċi President tal-Kummissjoni Věra Jourová;

M. billi mit-tnedija tal-kampanja "Azzjoni Ħarxa kontra t-Terroriżmu Vjolenti" mill-Gvern Ċiniż fl-2014, li għandha fil-mira ewlenija tagħha l-minoranzi Ujguri ta' Xinjiang, aktar minn miljun persuna ġew miżmuma priġunieri f'kampijiet ta' detenzjoni, imsejħa ċentri ta' "riedukazzjoni politika" jew ta' "taħriġ", u dan jikkostitwixxi l-akbar sistema ta' inkarċerazzjoni tal-massa fid-dinja; billi l-popolazzjoni Ujgura hija vittma tal-isforzi tal-Gvern Ċiniż biex jeqred l-identità unika tagħha u d-dritt ta' eżistenza tagħha bħala popolazzjoni permezz tat-tortura, l-għajbien sfurzat, is-sorveljanza tal-massa, it-tħassir kulturali u reliġjuż, l-isterilizzazzjoni furzata tan-nisa, il-vjolenza sesswali, il-ksur tad-drittijiet riproduttivi, u s-separazzjoni tal-familja; billi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ivvalutaw li dawn id-delitti jistgħu jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità skont id-dritt internazzjonali;

N. billi t-trażżin tal-oppożizzjoni politika f'Hong Kong kompla jiżdied mir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-21 ta' Jannar 2021, b'sentenzi numerużi kontra attivisti favur id-demokrazija u rappreżentanti politiċi, bħal pereżempju Joshua Wong, Martin Lee, Jimmy Lai, Andy Li u Lester Shum, għall-involviment paċifiku tagħhom fi protesti, u f'xi każijiet anke mingħajr ebda evidenza ta' rwol attiv fl-irvellijiet; billi f'Marzu ta' din is-sena ġew introdotti bidliet fis-sistema elettorali ta' Hong Kong f'dik li hija l-aktar bidla sinifikanti fis-sistema politika ta' Hong Kong: żdied rekwiżit ta' patrijottiżmu lejn iċ-Ċina kontinentali u ġiet introdotta konċentrazzjoni ta' poter u influwenza fil-Kumitat Elettorali ta' Hong Kong, u dan se jwassal għal tnaqqis drastiku fil-proporzjon ta' rappreżentanti eletti direttament fil-Kunsill Leġiżlattiv ta' Hong Kong;

O. billi għaxar Stati Membri tal-UE għad għandhom trattati attivi ta' estradizzjoni maċ-Ċina, li jfisser li persuni Ujguri, ċittadini ta' Hong Kong, Tibetani u dissidenti Ċiniżi fl-Ewropa jistgħu jiġu estraditi biex jiġu soġġetti għal proċessi politiċi fiċ-Ċina;

P. billi Gui Minhai, ċittadin Svediż u resident ta' Hong Kong, għadu l-ħabs, minkejja d-diversi talbiet tal-Parlament għall-ħelsien immedjat tiegħu;

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli s-sanzjonijiet bla bażi u arbitrarji imposti mill-awtoritajiet Ċiniżi, li huma ekwivalenti għal attakk fuq il-libertà tal-kelma, fuq il-libertà akkademika u fuq l-impenn internazzjonali favur id-drittijiet universali tal-bniedem u l-fehim tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jneħħu dawn il-miżuri mhux ġustifikati;

2. Huwa għalkollox solidari mal-Membri ta' dan il-Parlament, mas-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, u mal-individwi u l-entitajiet l-oħra kollha affettwati mis-sanzjonijiet Ċiniżi, jiġifieri l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-membri tal-parlamenti nazzjonali, l-akkademiku Żvediż u l-akkademiku Ġermaniż, u l-gruppi ta' riflessjoni fil-Ġermanja u fid-Danimarka; jesprimi solidarjetà sħiħa mad-Deputati nazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE li wkoll kienu fil-mira ta' sanzjonijiet, bħal fir-Renju Unit, fil-Kanada, fl-Istati Uniti u fl-Awstralja;

3. Jafferma mill-ġdid li l-libertajiet fundamentali, il-libertà tal-espressjoni, il-parteċipazzjoni libera fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-libertà akkademika u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem huma pilastri tad-demokraziji tagħna u li dawn il-valuri qatt mhuma se jkunu kompromessi fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina; jenfasizza li t-

tentattivi ta' intimidazzjoni huma inutli u li, bħala Membri eletti tal-Parlament Ewropew, se nkomplu niddenunzjaw u naħdmu b'mod attiv u bla waqfien fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-dritt internazzjonali, u nħeġġu lill-UE żżomm ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-politiki barranin kollha tagħha; iqis li dawn l-attakki miċ-Ċina huma turija tad-dimensjoni ta' rivalità sistemika tar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina;

4. Jikkundanna bil-qawwa dan it-tentattiv ġdid, u t-tentattivi preċedenti, min-naħa tal-Istat Ċiniż u min-naħa ta' atturi mhux statali biex jindaħlu fil-ħajja demokratika tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha u biex ixerrdu d-diżinformazzjoni fid-dibattiti pubbliċi; iqis li s-sanzjonijiet huma parti minn sforz biex fid-dinja kollha jiġi kkontrollat id-diskors dwar iċ-Ċina u biex jiġi ddeterminat x'tip ta' diskors u diskussjonijiet jistgħu jsiru b'mod globali, u jqis dan l-isforz bħala parti minn theddida totalitarja;

5. Itenni l-aktar tħassib serju tiegħu dwar id-diversi abbużi tad-drittijiet bażiċi u tal-bniedem fiċ-Ċina, il-ksur tad-dinjità tal-bniedem, tad-drittijiet tal-libertà ta' espressjoni kulturali u twemmin reliġjuż, u tal-libertajiet tal-kelma, tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u b'mod partikolari l-persekuzzjoni sistemika tal-poplu Ujgur, it-Tibetani, il-Mongoli u minoranzi etniċi oħra, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti soċjali, il-gruppi reliġjużi, il-ġurnalisti, u l-petizzjonanti u dawk li jipprotestaw kontra l-inġustizzji, kif ukoll it-trażżin, li kulma jmur qed jiżdied, tal-ilħna kollha li ma jaqblux u ta' oppożizzjoni, speċjalment f'Hong Kong;

6. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 li l-ksur f'Xinjiang huwa ekwivalenti għal delitti kontra l-umanità u jenfasizza l-evidenza dejjem tiżdied ta' tali delitti; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jilħqu biżżejjed appoġġ internazzjonali għal investigazzjoni indipendenti tan-NU dwar Xinjiang; għaldaqstant jilqa' l-elenkar ta' erba' individwi Ċiniżi u entità waħda miċ-Ċina fl-ambitu tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, peress li huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u jużaw il-mezzi kollha ta' influwenza li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari dawk ekonomiċi, biex jipperswadu lill-Gvern Ċiniż biex jagħlaq il-kampijiet u jtemm kull ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'Xinjiang u f'postijiet oħra, bħat-Tibet;

7. Jiddispjaċih li diversi kumpaniji internazzjonali, b'mod partikolari fis-settur tal-ħwejjeġ u tat-tessuti, kienu soġġetti għal bojkott estensiv u mifrux wara li esprimew tħassib dwar ir-rapporti dwar xogħol furzat fix-Xinjiang u ħadu d-deċiżjoni li jaqtgħu ir-rabtiet tal-ktajjen tal-provvista ma' Xinjiang, u jikkundanna bil-qawwa l-koerċizzjoni politika aggressiva eżerċitata kontrihom mill-Gvern Ċiniż; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jiffinalizzaw malajr konsulenza tan-negozju dwar il-ktajjen tal-provvista bi gwida għall-kumpaniji dwar l-esponiment għas-sogru tal-użu ta' xogħol furzat tal-Ujguri u li tipprovdi appoġġ fl-identifikazzjoni urġenti ta' sorsi alternattivi ta' provvista;

8. Huwa mħasseb li l-miżuri ta' ritaljazzjoni kontra l-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri u l-ħidma tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem huma parti minn strateġija maħsuba biex iddgħajjef id-drittijiet tal-bniedem fuq livell internazzjonali u biex tiddefinixxi mill-ġdid dawk id-drittijiet b'mod li fl-aħħar mill-aħħar dawn jitilfu t-tifsira oriġinali tagħhom; jiddispjaċih li l-approċċ meħud u l-għodod użati mill-UE s'issa ma

wasslux għal progress tanġibbli fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, li fl-aħħar għaxar snin marret għall-agħar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta strateġija olistika fil-livell tal-UE bil-ħsieb li tfittex progress ġenwin fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina;

9. Iqis li s-sanzjonijiet ta' ritaljazzjoni Ċiniżi, li mhumiex ibbażati fuq id-dritt internazzjonali, jikkostitwixxu rigress importanti fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina; iqis li huwa kruċjali għall-UE u l-istituzzjonijiet kollha tagħha li jingħaqdu fil-konfront ta' dan l-attakk kontra d-demokrazija Ewropea u jiddefendu l-valuri komuni tagħna; jistieden lill-Presidenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jagħmlu dikjarazzjoni ċara li s-sanzjonijiet taċ-Ċina kontra politiċi eletti mhux se jkunu ttollerati; iqis li huwa xieraq u neċessarju li l-VP/RGħ u l-Istati Membri tal-UE jqajmu din il-kwistjoni fl-iskambji bilaterali mal-kontropartijiet Ċiniżi tagħhom fil-livelli kollha u jitlob li l-Parlament jinżamm infurmat dwar dawn l-isforzi;

10. Jieħu l-pożizzjoni li kwalunkwe kunsiderazzjoni tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI) bejn l-UE u ċ-Ċina, kif ukoll kwalunkwe diskussjoni dwar ir-ratifika mill-Parlament Ewropew, b'mod iġġustifikat ġew iffriżati minħabba s-sanzjonijiet Ċiniżi fis-seħħ; jitlob li ċ-Ċina tneħħi s-sanzjonijiet qabel ma l-Parlament ikun jista' jittratta l-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment, mingħajr preġudizzju għall-eżitu finali tal-proċess ta' ratifika tiegħu; jistenna li l-Kummissjoni tikkonsulta mal-Parlament qabel ma tieħu kwalunkwe pass lejn il-konklużjoni u l-iffirmar tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment; jistieden lill-Kummissjoni tuża d-dibattitu dwar il-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment bħala ingranaġġ biex ittejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-appoġġ għas-soċjetà ċivili fiċ-Ċina u jfakkar lill-Kummissjoni li l-Parlament se jqis is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, inkluż f'Hong Kong, meta jintalab japprova l-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment;

11. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li r-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina jiġu bbilanċjati mill-ġdid permezz tal-adozzjoni ta' sett ta' miżuri awtonomi li jinkludu: leġiżlazzjoni kontra l-effetti distorsivi tas-sussidji barranin fuq is-suq intern; strument internazzjonali tal-akkwist pubbliku; leġiżlazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista b'rekwiżiti obbligatorji ta' diliġenza dovuta li jipprevedu wkoll projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti tax-xogħol sfurzat; Regolament imtejjeb u msaħħaħ tal-UE dwar l-Iskrinjar tal-Investiment Barrani; strument effettiv kontra l-koerċizzjoni; miżuri mmirati addizzjonali fl-ambitu tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, kif meħtieġ, sabiex ikomplu jindirizzaw it-trażżin f'Xinjiang u Hong Kong u bil-għan li ċ-Ċina ttemm il-ksur kollu; l-indirizzar adegwat tat-theddid miċ-Ċina fir-rigward taċ-ċibersigurtà, attakki ibridi u l-programm ta' fużjoni ċivili-militari;

12. Iħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż jirratifika u jimplimenta l-Konvenzjoni Nru 29 dwar ix-Xogħol Furzat, il-Konvenzjoni Nru 105 dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, il-Konvenzjoni Nru 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni u l-Konvenzjoni Nru 98 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO); iħeġġeġ liċ-Ċina tirratifika l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

13. Jappella lill-awtoritajiet Ċiniżi u ta' Hong Kong jerġgħu jistabbilixxu l-fiduċja fil-proċess demokratiku ta' Hong Kong u jtemmu b'mod immedjat il-persekuzzjoni ta' dawk li jippromwovu l-valuri demokratiċi; jiddeplora n-nuqqas ta' għaqda fil-Kunsill tal-UE fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri biex jiġi indirizzat it-trażżin tad-demokrazija

f'Hong Kong; iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Kunsill jipproponu u jadottaw konklużjonijiet dwar Hong Kong, irrispettivament minn nuqqas ta' appoġġ unanimu u jitlob li t-trattati ta' estradizzjoni tal-Istati Membri maċ-Ċina jiġu sospiżi;

14. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema li tivverifika jekk l-entitajiet li joperaw fis-suq intern tal-UE humiex direttament jew indirettament involuti f'abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xinjiang u li jiġu introdotti miżuri relatati mal-kummerċ bħall-esklużjoni mill-akkwist pubbliku u sanzjonijiet oħra; jinsisti li l-akkwist ta' teknoloġija ta' sfruttament li tintuża f'sitwazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem għandu jiġi prevenut fl-UE, fil-livelli kollha u fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE;

15. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jieħu pożizzjoni soda kontra s-sanzjonijiet Ċiniżi u jadotta konklużjonijiet dwar il-kwistjoni; huwa tal-fehma li dawn is-sanzjonijiet, kif ukoll l-evoluzzjoni negattiva u d-deterjoramenti kemm internament fiċ-Ċina kif ukoll taċ-Ċina bħala attur internazzjonali, għandhom ikunu riflessi, u għandu jkun hemm rispons għalihom, fir-rieżami li għaddej tal-komunikazzjoni konġunta "UE-Ċina Perspettiva Strateġika", bil-għan li nimxu lejn strateġija UE-Ċina aktar assertiva bil-għan li tgħaqqad l-Istat Membri kollha;

16. Jistieden lill-UE żżid il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Uniti fil-qafas ta' Djalogu Transatlantiku dwar iċ-Ċina, inkluż fir-rigward ta' approċċ koordinat għal miżuri biex jiġi indirizzat il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jitlob li dan id-djalogu jipprovdi dimensjoni parlamentari b'saħħitha;

17. Iqis li ftehimiet kummerċjali u ta' investiment oħra ma' sħab reġjonali, inkluż it-Tajwan, m'għandhomx jinżammu ostaġġi tas-sospensjoni tar-ratifika tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.